# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

## IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 11

27 ta' April 2020

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard, fis-6.16 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Remigio Bartolo – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Giorgio Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.16pm u kulħadd kien preżenti.

## 11.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

11.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġiji.

## 11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

11.2.1 Il-minuti ġew approvati.

## 11.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

11.3.1 ***Miżuri***

Is-Sur Cordina qal fis-sitwazzjoni li qegħdin fiha bħalha Covid forsi kontra Kunsilli Lokali oħrajn, il-Kunsill Lokali baqa' joffri s-servizzi kollha u jaqdi lin-nies xorta. Permessi eċċ baqgħu isiru kollha ħlief dak li ma kienx iktar permissibbli minħabba l-kuntatt mal-pubbliku eż. t-tqassim ta' boroż. Ittieħdu inizjattivi oħra bħall-installazzjoni ta' intercom, inxtraw bosta *sanitisers* u *shields* għall-ħaddiema kollha. Bħalha manutenzjoni l-ħaddiema qed jaħdmu tajjeb ħafna taħt l-impjegat il-ġdid u jidher li l-għażla kienet waħda tajba. Ingħalqu l-ġonna u x-xogħol tiela' sew.

11.3.2 ***Kappella San Pawl.***

Is-Sur Cordina qal li irċieva imejl illum. Fakkar li ftit xhur ilu kien ressaq talba sabiex tiġi rranġata l-Kappella ta' San Pawl minħabba li din kienu żviluppawlha xi kunsenturi. Kienu sa jsirulha xi ċinturini imma minħabba li fl-istess area kien ukoll beda x-xogħol tas-Central Link il-kunsenturi żdiedu w'għaldaqstant ix-xogħol li kien ħa jsir ġie assorbit minn Infrastructure Malta. Hu qal li ġie mitlub minn min jieħu ħsieb il-Knisja sabiex l-ispejjeż li kienu se jsiru minflok jintefqu fuq il-faċċata. Hu propona li l-ispejjeż jittieħdu mill-fondi tar-Reġjun li se jitqassmu dalwaqt. L-istima li saret mill-Perit li qed jieħu il-Kappella tammonta għall-€7520. L-Avukat Caruana qalet li galadarba l-kunsenturi kienu hemm qabel u biex ikun jista' jgawdi ħaddieħor magħhom kieku l-ispiża tinqasam u ma tingħatax kollha. Is-Sur Galea saqsa għala kwotazzjoni u mhux tender? Is-Sur Cordina qal li din stima u stima tista' tkun ferm inqas filwaqt li l-Perit Schembri qal li jekk ha jkun hemm *capping* id-differenza titħallas minnhom. Kien hemm diskussjoni fuq min għandu jġib il-kwotazzjonijiet. Kien hemm qbil li jinġabu tliet kwotazzjonijiet mill-amministratturi tal-Kappella sa massimu ta' €5900. Il-kumplament jitħallas minnhom.

11.3.3 ***Stefania's Coffee Shop***

Is-Sur Cordina qal li jekk jiftakru sew kienet saret talba sabiex issir rampa għad-diżabbli u permess ta' din ir-rampa kienet ħa jintilef parkegg. Issa kompla s-Sur Cordina, saritlu talba sabiex issir *timber structure for tables and chairs* minflok din ir-rampa. Galadarba, qal li xorta ħa jintilef parkeġġ u diġa' hemm *no objection* minn Transport Malta u l-Malta Tourism Authority, hu talab feedback mingħand il-Kunsill fuq din it-talba. Kien hemm diskussjoni fit-tul

u fosthom saru mistoqsijiet bħal li skont is-Sur Bonnici hemm id-djuq, jekk il-bankina hix ħa tiġi ostakolata, li skont l-Avukat Caruana jekk dan il-parkegg hux importanti għax la hemm biżżejjed parkeggi mhux sa tagħmel differenza u tkun diskriminazzjoni jekk il-Kunsill jirrifjuta din it-talba meta hemm diga' permessi oħra ta' ħwienet oħra, li din skont is-Sur Galea il-quddiem tista' ssir żona pedonali. Wara li nqraw il-kundizzjonijiet, l-Perit Schembri qal li jippreferi l-mudell tal-Belt Valletta bl-imwejjed u siġġijiet milli parkeggi u traffiku. Meta tneħħew il-karrozzi u ntefgħu fil-periferiji il-Belt iggwadanjat. Rigward is-Sur Cordina qal li ċ-Ċentru jsir żona pedonali trid issir laqgħa apposta u diskussjoni fit-tul għax kemm la tgħid ha tagħlaq iċ-Ċentru għax in-nies triq waħda għandhom minn fejn jgħaddu L-Avukat Brincat qal li ma jistax jitkellem fuq diskriminazzjoni għax diskriminazzjoni tiġi meta jkun hemm l-istess kundizzjonijiet u m'hemmx l-istess kundizzjonijiet la ha jittieħed parkeġġ. Madankollu kompla billi dan ġa kien deċiz hu ma jsibx oġġezzjoni. Ġie deċiż li n-No objection tiġi endorsed bil-kundizzjonijiet tagħna ma dawk ta' TM li huma tajbin u *binding.*

## 11.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

11.4.1 L-Avukat Caruana

- Saqsiet għala dawk it-toroq li saru ħdejn il-flats tal-Gvern hemmx xi raġuni għala ma sarulhomx ir-*road markings?* Is-Sur Cordina qal li raguni ma setgħax jgħid imma li żgur li xi kuntratturi kellhom xi problema u ħa jsiru dalwaqt.
- Qalet li kkuntatjata is-Sinjura Mary Tanti għax hemm ħajt li mhux magħluq viċin Venezia Court u qed jitfgħu iż-żibel. Is-Sur Cordina qal li originarjament kienet se tingħalaq imma ma setgħax jiġi identifikati is-Sid. Se tintbagħat ittra l-Lands, MEPA, Pulizija biex insibu ta' min hi. L-Avukat Caruana qalet li hi tal-mistħija li n-nies għadhom jitfgħu iż-żibel u l-imbarazz meta l-Kunsill għandu servizz tal-*Bulky refuse* effiċjentissimu iċċempel illum u jiġi dakinhar stess. Il-Kunsill ħa jkompli jaħdem fuq din il-problema.
- Qalet li rigward l-iskart organiku il-gbir hu kemmxejn kmieni u mhux kulħadd jista' joħroġhom daqshekk kmieni. Xtaqet tkun taf jekk fit-toroq li jibda kmieni minnhom jistax jerġa' jgħaddi a benefiċċju ta' dawk li joħorġux tard. Ġie propost mill-Avukat Brincat li minflok jerga' jgħaddi l-ġbir tal-iskart għal din il-ġurnata biss jibda iktar tard. Is-Sur Galea qal li s-servizz tal-iskart tjieb u ma jsir xejn ħażin imbilli intejbu fejn nistgħu. Ġie propost mis-Sur Cordina li jibda fit-8am.
- Saqsiet kienx hemm progress fuq l-Uffiċċini l-ġodda. Il-Perit Schembri qal li PPRT li tieħu ħsieb l-appelli huma magħluqin. Is-Sur Cordina qal li kellu laqgħa online mad-Direttur is-Sur Chris Galea u li kienet waħda favorevoli ħafna sabiex tinġab l-awtorizazzjoni u jinġabu fondi għall-kirja tal-Uffiċċini l-ġodda.

11.4.2 Is-Sur Victor Galea

- Saqsa fuq attivita' li saret fejn kien hemm l-Onorevoli Alex Muscat u għala waqt din l-attivita' ma ġewx invitati. Is-Sur Cordina qal li minħabba s-sitwazzjoni tal-Covid invitaw nies mill-inqas, kienet attivita' ta' malajr fejn il-Kunsill ingħata ħaddiema li jaħdmu fuq bażi volontarja f'xogħol tal-Kunsill sabiex jibqgħu jitħallsu mill-kumpanija Ozo Group imma fl-istess ħin ikunu ta' benefiċċju għall-komunità.

- Saqsa jekk il-Kunsill kellux xi talba għall-familji vulnerabbli. Is-Sur Cordina qal li talbiet ma kienx hemm. Kien hemm xi ħaġa min-naħa tal-Kappillan imma ma seħħ xejn u l-fatt li ħafna ħwienet kienu qed jagħmlu *deliveries* għen ħafna.
- Talab biex tiġi mwarrba somma ta' €500 sabiex tiġi użata f'każ ta' bżonn bħalha donazzjoni għal niex vulnerabbli. Is-Sur Cordina qal li donazzjonijiet jekk mhux awtorizzati ma jistgħux isiru.
- Talab biex jiżdiedu l-kaxxiera tal-BOV plc minħabba l-kju ta' nies fuq barra. Is-Sur Cordina qal li l-bank naqqas in-nies fuq ġewwa u qed jidħlu wieħed wieħed u jrid jopera kif jista'. Rigward distanzi fuq barra il-bank ma jidholx fiha u jiġi min-nies li jżommu distanzi bejniethom.

11.4.3 Is-Sur Bonnici

- Saqsa fuq parkegg ta' mutur li tneħħa. Is-Sur Cordina qal li ma jaf xejn fuqu.
- Saqsa fuq l-iskart organiku fi Triq is-Salvatur, kif joħorguhom fi x'ħin iridu u dejjem bil-problemi. Is-Sur Cordina qal li dik it-triq sikwiet jintbagħtu ittri lill-Amministraturi tal-blokka.

11.4.4 Il-Perit Giorgio Schembri

- Tkellem fuq is-Central Link fejn kien hemm laqgħa l-Awtorita' tal-Ippjanar u l-Infrastructure Malta applikat biex titneħħa layby (side road) li kienet ħa taffetwa l-propjetajiet tan-nies. Hu qal li ma kienx qabel li titneħħa u ġie rikonoxxut anka mill-Awtorita' tal-Ippjanar li din aħjar tittranga.
- Saqsa fuq l-area ta' fejn kien hemm il-ħanut tal-ELC fi Triq Tumas Chetcuti. Qal li fil-pjan originali kien hemm ippjanata li ssir *flyover* u r-residenti nnutaw li kien hemm tibdil u din mid-dehra mhux sa ssir. Fil-fatt jekk din ma ssirx ikollhom jinżlu l-isfel u jerġgħu jitilgħu l'fuq biex imorru r-Rabat. Għandha tintbaghat imejl lill-Infrastructure Malta biex jiġu mistoqsija jekk sarx xi tibdil.

11.4.5 Avukat Silvio Brincat

- Qal li qed jinbena ħajt mill-MIP fi Triq il-Linja fejn hemm il-fabbriki u dan qed jinbena ħażin, imbewwaq, bla sena lixx u mal-kumplament qed jistona. Qal ukoll li qaċċtu xi siġra meta biex inżabret din is-siġra in-nies kellhom jistennew u dawn qabdu u qaċċtuha bla permess. Is-Sur Cordina qal li jistgħu jiktbulhom imma x-xogħol huwa tal-MIP. Tista' ssir laqgħa jew xi ħaġa imma qal l-Avukat Brincat xi ħaġa trid issir għax vera x-xogħol qed isir ħażin. L-istreet art inqalgħet bil-ġalbu.

## 11.5 Rapporti

11.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 11.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

11.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat lill-Kunsilliera il-ftehim li l-Kunsill irċieva sabiex jiġi ffirmat mill-Kunsill fuq il-pjattaforma YouSafe u jorbot lill-ħaddiema tal-Kunsill Lokali b'certu siegħat fuq din il-pjattaforma. Hi spjegat kif il-Kunsill diġà kellu fb page Kunsill Lokali Ħ'Attard u fb group Attard Local Council. Spjegat kif dawn iż-żewġ gruppi kienu ġa qed jitħaddmu sew mill-

ħaddiema tal-Kunsill u li kif esprimiet fil-bidu ma kellha l-ebda problema la hi u lanqas Stefan li jikkollaboraw fuq din il-pjattaforma wkoll. Iżda l-ftehim kien qed jorbot u jitlob ċertu siegħat fuq il-pjattaforma 'issa li l-ħaddiema tal-Kunsilli Lokali kellhom inqas volum ta' xogħol'. Fil-verita' il-Kunsill Lokali Ħ'Attard baqa' għaddej bl-istess ritmu u għalhekk ħasset li ċertu talbiet f'dan il-ftehim kienu *binding* u inġusti. Għaldaqstant hi talbet sabiex dan il-ftehim jiġi midur legalment u ż-żewġ Avukati jagħtu l-parir tagħhom dwaru.

## 11.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

11.7.1 Approvati wara li s-Segretarju Eżekuttiv elenkat l-aħħar żidiet li kien jikkonsisti f'pagament wieħed ta' €500 f'isem 3A Accountants sabiex ma jkunx hemm pagamenti b'lura.

## 11.8 Mozzjonijiet; u

11.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 11.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

11.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.54pm u ġiet aġġornata għas-26 ta' Mejju 2020 fis-6.00pm.

Konfermati, illum 26 ta' Mejju 2020.

IFFIRMATA
Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA
Marica Mifsud
Segretarju Eżekuttiv